# Ir-Raħal Qadim ta' Ħal Lew

**minn Emmanuel Muscat**



Meta tħares lejn il-Qrendi, storikament isib li dan ir-raħal xejn ma kien bħal ma hu llum. Żmien ilu l-Qrendi kien jikkonsisti fi tliet irħula żgħar Ħal Lew, Ħal Kbir u Ħal Manin. Għalkemm dawn l-inħawi jinsabu mill-aktar imbiegħda ta' Malta, fl-ibgħad żminijiet kienu diġà post t'abitazzjoni. Fl-imgħoddi n-nies tgħallmet li jkun jiswilhom li jgħixu flimkien bħala grupp. B'hekk insibu li sa żminijiet bikrin kienu jinbtu rħula ċkejknin qalb l-għelieqi. In-nies bdiet tfittex meded ta' art fil-kampanja fejn kienu jibnu rziezet żgħar mdawra b'għelieqi għammiela, b'diversi mogħdijiet li kienu mdawra bil-ħitan tas-sejjieħ. Dawn il-ħitan filwaqt li huma mibnija biex jipproteġu l-ħamrija, kienu wkoll juru d-daqs ta' l-art li wieħed kien ikollu bħala proprjetà.

Madwar il-medda ta' art li tieħdok mill-Knisja tal-Ħniena sa l-inħawi tal-ħofra tal-Maqluba, fl-imgħoddi kien jinsab ir-raħal qadim ta' Ħal Lew li kien fih ftit irziezet u dwejriet fejn il-bdiewa ta' dawk l-inħawi kienu jgħixu mal-familja u wkoll mal-merħliet li kien ikollhom.

Tagħrif storiku dwar Ħal Lew ftit li xejn għandna. L-ewwel tagħrif dwar il-popolazzjoni ta' dawn l-inħawi, insibuha fil-lista tad-Dejma ta' l-1419 meta kien hemm 27 persuna. Din kienet tinkludi biss l-irġiel, għalhekk dak iż-żmien il-popolazzjoni ta' Ħal Lew u l-madwar kienet ta' madwar 100 persuna. Fil-Viżita Appostolika ta' Monsinjur Pietro Duzzina fl-1575 insibu miktub li fl-inħawi tar-raħal ta' Ħal Lew kienu jeżistu erba' kappelli żgħar fosthom il-kappella l-qadima tas-seklu tlettax iddedikata lill-Madonna tal-Ħniena u ftit djar mferrxin madwar dan il-lokal. Duzzina sab li dawn il-kappelli kienu fi stat tassew ħażin u għalhekk ġew minnu fih profanati. Illum dawn inqerdu għal kollox ħlief għall-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena, dik li hemm illum, li kienet inbniet mill-ġdid u tlestiet fl-1650. Dan ir-raħal jissemma wkoll fil-viżita li kien għamel l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan fil-Parroċċa tal-Qrendi fl-1745. Huwa jirrapporta li Valentina Vella fl-atti tan-Nutar Giuseppe Domenico Gatt fl-4 ta' Lulju 1691 kienet ħalliet lill-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament dar f'Ħal Lew. Dawn l-inħawi setgħu jintlaħqu malajr mill-pirati tal-baħar. Kien għalhekk li sas-seklu sbatax ħafna mill-bini kien ikun fortifikat. Jingħad ġo Ħal Lew kien hemm waħda minn dawn id-djar iżda fil-gwerra din kienet iġġarrfet.

Ir-raħal prinċipali ta' Ħal Kbir maż-żmien kien bidel ismu għal Qrendi. Dan l-isem hawn min jgħid li ġej mill-kelma Taljana 'Grandi' li setgħet ħadet post il-kelma 'Raħal Kibir', l-isem li l-Feniċi kienu taw lil dan ir-raħal. Għal xi żmien dan ir-raħal flimkien maż-żewġ irħula l-oħra ta' Ħal Lew u Ħal Manin kienu jagħmlu parti mill-matriċi taż-Żurrieq, iżda fis-sena 1618 l-Isqof Cagliares waqqaf il-parroċċa tal-Qrendi, bl-irħula ta' Ħal Lew u Ħal Manin jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu.

Matul is-snin il-popolazzjoni ta' dawn iż-żewġ irħula żgħar bdiet tonqos, u bdiet tgħix aktar fiċ-ċentru tar-raħal tal-Qrendi. Inbnew djar kbar, ħdejn xulxin u maż-żmien dan ir-raħal żviluppa kif nafuh illum. B'hekk ir-raħal qadim ta' Ħal Lew matul is-snin għadda min-naħa għall-oħra u llum sar ħaġa waħda mal-Qrendi.



*F'Ħal Lew insibu rkejjen fejn għandhom ċertu tip ta' fdalijiet li wieħed ikun irid japprezzahom sew. Fi triq li minn ħdejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena tieħu lejn Wied Babu, fejn hemm il-parti l-wiesgħa hemm fdalijiet ta' pedament, li x'aktarx kien ta' waħda mill-erba' kappelli li kienu jeżistu fis-seklu sittax. Aktar l-isfel fl-istess triq sa ftit ta' snin ilu kien hemm kamra li kienet magħrufa d-Dar tal-Kappillan.*

Din il-lokalità llum tilfet kważi l-bini kollu li kellha. Fl-inħawi ta' Ħal Lew hemm diversi postijiet u bini x'wieħed jara, fosthom il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena u l-Palazz Guttenberg, mibni mill-Kavallier Fra Wolfgang Guttenberg fejn kien jgħix. Dawn l-inħawi għadhom magħrufa bl-isem ta' Ħal Lew, li jfakkarna f'dan ir-raħal kwiet u maqtugħ mill-ħajja mgħaġġla tal-lum.

**REFERENZI**
Bliet u Rħula Maltin.
Towns and Villages in Malta and Gozo – The South – C. Fiott.
Vigilo Summer 1995.



*Fuq din il-parti tal-Knisja tal-Ħniena fejn tinsab is-sagristija, aktarx kien hemm il-kappella l-qadima tal-Madonna tal-Ħniena.*



*Bini qadim li jfakkarna f'dan ir-raħal. Fuqu nsibu riliev antik li fih naraw skultura ta' żewġ figuri sagri.*



*Fdalijiet ta' waħda mid-djar qodma li tinsab ftit 'il bogħod mill-Knisja tal-Ħniena. Din kienet mibnija b'żewġ sulari. Wieħed jista' jara l-kileb tax-xorok li biha kienet imsaqqfa.*